**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 12**

**It-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.39 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 11 li saret it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR KENNETH FARRUGIA GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-BORD TAL-GVERNATURI TAL-KORP GĦALL-ANALIŻI TA' INFORMAZZJONI FINANZJARJA (FIAU)**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, datata 27 ta' April 2023, dwar in-nomina tas-Sur Kenneth Farrugia għall-ħatra ta' Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU).

Il-Kumitat stieden lis-Sur Kenneth Farrugia sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Farrugia kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Kenneth Farrugia daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Farrugia li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet

se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Wara introduzzjoni mis-Sur Farrugia, il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Għal mistoqsijiet mill-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Adrian Delia dwar jekk huwiex attwalment membru tal-Bord tal-FIAU, is-Sur Farrugia wieġeb li bħalissa mhuwiex membru, u meta ġie mistoqsi jekk ġiex innominat minn xi ħadd biex ikun membru tal-Bord tal-FIAU, is-Sur Farrugia wieġeb li ġie nnominat miċ-Chairman tal-MFSA, skont il-liġi.

L-Onor. Karol Aquilina rrimarka li skont artikolu 20 tal-Att kontra l-Money Laundering, Chairman u Viċi Chairman għandhom jinħatru mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Ministru minn fost il-membri tal-Bord. Dan ifisser li l-persuna nominata bħala Chairperson tal-Bord irid l-ewwel u qabel kollox ikun membru tal-istess Bord. Huwa żied li tali nomina għandha ssir mill-Prim Ministru u mhux mill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol.

Wara diskussjoni qasira dwar dawn il-punti, il-Kumitat qabel li l-konsiderazzjoni tan-nomina għandha tiġi sospiża sakemm isiru l-verifiki u l-kjarifiki proċedurali neċessarji.

Fil-4.50 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata iktar tard.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**